L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **Xogħol għan-nisa biss u għall-irġiel biss?**

- Jeżisti xogħol li l-irġiel biss huma kapaċi jagħmluh?
  - Iva: xogħol ta' strapazz u taħbil il-moħħ.
  - Le: in-nisa jifilħu daqs l-irġiel u mhumiex inferjuri għalihom.
- Jeżisti xogħol għan-nisa biss?
  - Iva: kura tat-tfal u xogħol ta' paċenzja.
  - Le: Hawn irġiel paċenzjużi u kapaċi jieħdu ħsieb it-tfal daqs jew aktar min-nisa.
- Imma huwa fatt li xi xogħlijiet jagħmluhom iktar in-nisa milli l-irġiel jew viċe-versa. Għaliex taħseb li jiġri dan? Tista' ssemmi xi wħud minn dawn ix-xogħlijiet?
  - In-nisa: għalliema tal-primarja, LSAs, kindergarden assistants, maids, infermieri, segretarji...
  - L-irġiel: bennejja, tiswijiet u manutenzjoni ta' magni u apparat domestiku u elettroniku, xogħlijiet maniġerjali...
- Taħseb li l-mentalità li r-raġel huwa superjuri għall-mara għadha teżisti?
- X'taħseb li jista' jżomm il-mara milli tieħu iktar karigi ta' responsabiltà?
  - It-trobbija tat-tfal, trid tieħu ħsieb id-dar, nuqqas ta' inkoraġġiment min-naħa tar-raġel, kundizzjonijiet differenti għall-istess xogħol li jagħmlu l-irġiel, nuqqas ta' opportunitajiet, nuqqas ta' fiduċja fiha nnifisha...
- Taħseb li sar progress f'dan ir-rigward?
  - Iva, f'dawn l-aħħar snin rajna żieda fin-numru ta' gradwati nisa f'diversi oqsma li tista' tgħid kienu assoċjati l-aktar mal-irġiel bħal tobba, avukati, accountants, inġiniera u periti.
  - Iva imma f'ċerti oqsma għadna lura: fil-politika, fil-qasam tal-kostruzzjoni...
- X'jista' jsir biex il-mara tidħol aktar f'oqsma li qabel kienu ddominati mill-irġiel?
  - Edukazzjoni miċ-ċokon fl-iskejjel u fil-familja, il-logħob li jilagħbu t-tfal, bidla fil-lingwa, eż. perit – perita; avukat – avukata, spettur – spettura...
- Taħseb li l-irġiel u n-nisa jistgħu jaħdmu flimkien fuq l-istess proġetti?
  - Ix-xogħol jista' jsir aħjar għax in-nisa u l-irġiel jikkumplimentaw lil xulxin.
  - Jistgħu jinqalgħu xi problemi għax ma jiftehmux minħabba psikoloġija differenti, jew minħabba abbużi li jistgħu jinqalgħu...

2. **Il-livell tal-Malti u tal-Ingliż fost l-istudenti Maltin**

- X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-livell tal-Malti u tal-Ingliż fost l-istudenti Maltin?
- Ta' spiss nisimgħu fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni li l-livell tal-Malti kulma jmur qiegħed jitbaxxa. Taqbel, u jekk iva, x'taħseb li huma r-raġunijiet għal dan?
  - Il-Malti mhux l-ewwel lingwa mitħaddta fid-dar; il-media qed tħalli effett negattiv; wieħed jippreferi jikteb bl-Ingliż milli bil-Malti; il-preferenza għall-qari ta' kotba bl-Ingliż...
- Għaliex taħseb li xi studenti Maltin ibatu fl-Ingliż?
  - patrijottiżmu esaġerat favur il-Malti;
  - nuqqas ta' qari ta' kotba bl-Ingliż;
  - fl-iskejjel mhux prattikat biżżejjed;
  - it-taħlit mal-Malti;
  - it-tip ta' Ingliż fuq xi stazzjonijiet tat-televixin.
- Ta' spiss nisimgħu persuni jitkellmu b'taħlita ta' Malti u Ingliż. Għaliex jiġri hekk? X'taħseb minn din il-varjetà tal-lingwa?
  - Dan it-taħlit xi drabi jsir inkonxjament għax l-istudenti jisimgħu din il-varjetà d-dar.
  - Xi studenti ma jitħallewx jużaw il-Malti l-iskola;

- Xi wħud ikollhom jużaw din il-varjetà biex ikunu aċċettati fil-grupp tal-ħbieb tagħhom.
- Hemm min jaħseb li għax jitkellem hekk ikun ta' livell soċjali ogħla...

- Taħseb li l-istudenti għandhom ħin biżżejjed għat-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż fl-iskola? Għaliex?
- Taħseb li l-ħin allokat għat-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż fl-iskejjel huwa mqassam b'mod tajjeb? Għaliex?
- Taħseb li n-numru ta' studenti barranin li dejjem qed jiżdiedu qed iħalli effett fuq it-tagħlim tal-Malti u tal-Ingliż? Għaliex taħseb hekk?
- Taħseb li dawn l-istudenti barranin jistgħu jitgħallmu tajjeb il-Malti u l-Ingliż? Għaliex?
- Taħseb li l-użu tal-Malti fix-xandir qed jaffettwa l-livell tal-Malti tal-istudenti?
  - kliem barrani missellef bla bżonn;
  - espressjoni b'taħlita ta' Malti u Ingliż;
  - bosta żbalji grammatikali;
  - kelliema li ma jafux jitkellmu sew bil-Malti;
  - l-influwenza kbira li għandu x-xandir...
- X'taħseb li jista' jsir biex il-livell tal-Malti u tal-Ingliż jitjieb?
  - l-użu taż-żewġ lingwi f'postijiet u ċirkostanzi differenti mingħajr taħlit;
  - apprezzament taż-żewġ lingwi u għarfien akbar tal-importanza tagħhom f'pajjiżna;
  - korsijiet maħsuba apposta għall-ġurnalisti...

3. **Is-sistema l-ġdida tas-separazzjoni u tal-ġbir tal-iskart**

- Taħseb li din is-sistema hi meħtieġa?
  - Iva għax jista' jsir użu aħjar tal-iskart li jista' jerġa' jintuża bħala materjal jew bħala kompost.
  - Innaqqsu ħafna l-problema tal-post fejn narmu l-iskart.
  - Inkunu qed nibżgħu aktar għall-ambjent.
- Taħseb li kienet suċċess jew kien esperiment li falla?
  - Suċċess f'xi postijiet fejn kienu ppreparati minn qabel.
  - Hemm min għadu mhux jagħti kas.
  - Xi drabi ż-żibel idum biex jinġabar u l-annimali qed jagħmlu ħerba.
  - Is-sistema tidher ikkomplikata għal xi wħud.
  - Is-sistema ddaħħlet bl-għaġla.
- Taħseb li l-pubbliku kien infurmat biżżejjed?
  - Il-Kunsilli Lokali ma kellhomx ċans biżżejjed jinfurmaw lill-pubbliku.
  - Il-kampanja Sort it out ma kinitx biżżejjed.
- F'xi lokalitajiet l-informazzjoni dwar x'tip ta' skart għandu jinġabar fi ġranet partikolari ma kinitx l-istess.
  - Kien hemm taħwid dwar l-informazzjoni ta' x'wieħed għandu jagħżel.
- X'inhi l-fehma tiegħek dwar it-tqassim tal-konteni turi għall-iskart?
  - Il-perjodu kien qasir u kien hemm ftit wisq postijiet minn fejn tiġborhom.
  - Kjuwijiet twal qatgħu qalb ħafna nies li jmorru jiġbruhom.
  - Qatt ma tqassmu fid-djar u għalhekk inħolqu problemi għal min hu anzjan;
  - Goffi wisq biex iġġorrhom – trid tmur bilfors bil-karozza biex tiġborhom.
- X'seta' sar aħjar qabel ma ġiet introdotta din is-sistema ġdida?
  - kampanja itwal ta' informazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir;
  - tqassim iktar ta' informazzjoni fid-djar;
  - aktar involviment mill-Kunsilli Lokali;
  - aktar ċentri minn fejn jinġabru l-konteni turi;
  - kampanja iktar pożittiva li tfiehem lill-pubbliku l-bżonn ta' din is-sistema;
  - aktar tagħlim fl-iskejjel;

  - kalendarju li jasal qabel ma tibda titħaddem is-sistema...
- X'taħseb mill-multi għal min ma jisseparax skont il-liġi?
  - Huma meħtieġa għax il-Malti hekk biss jitgħallem.
  - Huma esaġerati għax wieħed faċli jinsa, l-iktar l-anzjani.
- Taħseb li seta' ngħata aktar żmien biex tindara din is-sistema?
- Malta hi fost l-iktar pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li jakkumulaw skart. Taħseb li din is-sistema se ssolvi l-problema? Għaliex?
- Taħseb li hemm tagħlim biżżejjed fl-iskejjel dwar is-separazzjoni tal-iskart? Xi jġiegħlek taħseb hekk?

4. **L-influss tal-barranin f'pajjiżna**

- Int favur li barranin jiġu joqogħdu f'pajjiżna?
  - Favur għax ma nibqgħux magħluqin fil-mentalità ta' gżira żgħira.
  - Jista' jikber il-kummerċ.
  - Jintegraw fis-soċjetà u jkollna aktar nies b'ħiliet differenti f'pajjiżna.
  - Kontra: għax Malta diġà għandha popolazzjoni kbira.
  - Il-barranin jistgħu jeħdulna xogħolna.
  - Hemm il-periklu li tiżdied il-kriminalità.
  - Id-drawwiet tagħhom mhux dejjem jaqblu ma' tagħna.
- Għaliex taħseb li dawn il-barranin qed jiġu f'pajjiżna?
  - minħabba l-gwerer f'pajjiżhom;
  - mhux imħallsin tajjeb f'pajjiżhom
  - nuqqas ta' xogħol f'pajjiżhom;
  - il-klima ta' pajjiżna;
  - it-tama ta' ħajja aħjar.
- Kif taħseb li qed ikunu ttrattati dawn il-barranin fuq il-postijiet tax-xogħol?
  - Hemm xi xogħlijiet li ma jridux jagħmluhom il-Maltin bħal fattigi u waiters.
  - Hemm diversi minnhom li juru impenn fix-xogol tagħhom iktar mill-Maltin.
  - Xi drabi jiġu sfruttati – jingħataw anqas paga mill-ħaddiema Maltin għall-istess xogħol.
  - Jaħdmu aktar sigħat ta' xogħol milli suppost;
  - Xi drabi jkollhom anqas benefiċċji minn ħaddiema oħra.
- Taħseb li l-preżenza ta' dawn il-ħaddiema barranin f'xi setturi qed toħloq problemi?
  - problemi ta' nuqqas ta' ftehim minħabb l-lingwa;
  - fil-luklandi u r-ristoranti;
  - fl-isptarijiet;
  - fuq tal-linja...
- Taħseb li hawn Malta dawn l-immigranti qed isibu 'ġenna tal-art' jew xorta għandhom il-problemi tagħhom? Taf issemmi xi wħud minn dawn il-problemi?
  - razziżmu fost il-Maltin;
  - mhux faċli jintegraw fis-soċjetà;
  - kultura differenti ħafna minn tagħhom;
  - problema ta' firda minn mal-familja tagħhom;
  - problema tal-lingwa;
  - ħajja ġdida f'art ġdida...
- Hemm Maltin li ma jridux jafu b'dawn l-immigranti minħabba li għandhom reliġjon differenti jew għax iqisuhom inferjuri jew vjolenti jew sempliċiment minħabba l-kulur tal-ġilda. Xinhi l-fehma tiegħek dwar dan? Għandhom raġun jew le? Taqbel magħhom?
- Taħseb li l-Maltin iġibu ruħhom l-istess mal-barranin li jiġu mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant. Għaliex?

- Il-konċentrazzjoni tal-barranin f'xi postijiet bħal Buġibba u l-Marsa kif taħseb li qed taffettwa r-residenti?
  - problema ta' vjolenza bejniethom;
  - ħmieġ li jistgħu jħallu;
  - storbju billejl...
- Il-kirjiet tad-djar lill-barranin taħseb li qed jikkawżaw problemi għall-Maltin? Kif u għaliex?
  - Il-Maltin mhux qed isibu fejn jikru.
  - Il-prezz tal-kirjiet qed jogħla ħafna.
  - Bosta sidien jippreferu jħallu residenzi vojta milli jraħħsu l-kera.
- Taħseb li d-dħul fl-Unjoni Ewropea seta' żied l-influss tal-barranin f'pajjiżna?
  - Iva għax ċittadini tal-Unjoni Ewropea jingħataw id-dritt li jaħdmu f'pajjiżna.
  - Le għax għandna ħafna influss ta' nies Ażjatiċi, Russi u mill-Afrika.

## 5. **Is-servizzi soċjali f'pajjiżna**

- Taf issemmili xi servizzi soċjali f'pajjiżna?
  - servizz tas-saħħa b'xejn;
  - iċ-children's allowance;
  - għajnuna lir-romol;
  - akkomodazzjoni soċjali;
  - għajnuna lill-familji b'ġenitur wieħed;
  - djar għall-anzjani bi ħlas baxx;
  - għajnuna lil persuni b'diżabilità;
  - ċentri ta' kura għad-drogati...
- X'jidhirlek mis-servizz tas-saħħa f'Malta?
  - tobba, speċjalisti u infermiera ta' livell għoli;
  - nuqqas ta' akkomodazzjoni fl-isptarijiet pubbliċi;
  - il-problema li wieħed ikollu xi drabi jistenna ħafna biex jinqeda jew biex jingħata appuntament;
  - sptarijiet mgħammra b'apparati moderni u sofistikati;
  - is-servizz tal-ispiżerija tal-għażla tiegħek (il-POYC).
- Taħseb li jkun hemm min jabbuża mill-fatt li s-servizz tas-saħħa huwa b'xejn? Kif?
- X'taħseb mir-residenzi għall-anzjani?
  - Attrezzati/mhux attrezzati biżżejjed għaż-żminijiet tal-lum.
  - Hemm nuqqas ta' postijiet fihom.
- Ġieli mort tara xi anzjan f'xi dar residenzjali tal-anzjani tal-Gvern? Taħseb li dawn id-djar huma miżmumin tajjeb? Għaliex?
- Taħseb li l-anzjani Maltin jippreferu jibqgħu jgħixu d-dar milli jmorru joqogħdu f'residenzi għall-anzjani? Għaliex?
- Taħseb li jkun hawn min jabbuża mis-servizzi soċjali b'mod ġenerali? Kif?
- Taqbel li l-kumpaniji jridu jimpjegaw nies b'diżabilità?
- Hemm multa għal min ma jagħmilx hekk. Taħseb li hija ġusta din il-multa? Għaliex?
  - Dawn il-kumpaniji jistgħu jaraw lil nies b'diżabilità bħala xkiel għalihom.
  - Xi drabi minħabba n-natura tax-xogħol ma jkunux jistgħu jimpjegaw lil dawn in-nies.
  - Nies b'diżabilità għandhom dritt daqs ħaddieħor li jaħdmu.
  - Xi drabi nies b'diżabilità jkunu aħjar minn ħaddieħor f'ċerti ħiliet.
- X'jidhirlek mill-akkomodazzjoni soċjali? Taħseb li din għadha problema f'pajjiżna? Għaliex?

- Taħseb li l-ġenituri jużaw tajjeb il-flus li jingħataw mill-Gvern bħala għajnuna biex irabbu lil uliedhom (Children's allowance)? Għaliex?
- Taħseb li hawn biżżejjed servizzi soċjali f'pajjiżna?
  - Le għax il-bżonnijiet dejjem jibqgħu.
  - Ħafna nies ma jfendux bil-paga u għalhekk jeħtiġuhom.
  - Iva għax jista' jkun li hawn il-ħela jew abbużi.
- Kieku kellek iżżid jew tnaqqas xi servizz soċjali jew inkella tirranġa xi ħaġa fis-sistema, xi żżid/tnaqqas/tirranġa? Għaliex?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Xogħol għan-nisa biss u għall-irġiel biss?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-livell tal-Malti u tal-Ingliż fost l-istudenti Maltin**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Is-sistema l-ġdida tas-separazzjoni u tal-ġbir tal-iskart**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-influss tal-barranin f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 4 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Is-servizzi soċjali f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **Il-proġett ta' mina bejn Malta u Għawdex**

- Taħseb li proġett bħal dan huwa tassew meħtieġ jew nistgħu ngħaddu mingħajr din il-mina? Għaliex?
- Taħseb li mina bħal din tkun ta' benifiċċju aktar għall-Għawdxin milli għall-Maltin? Għaliex?
- X'vantaġġi oħra ġenerali tara fil-bini ta' din il-mina?
  - aktar turisti;
  - aktar kummerċ għall-Għawdxin;
  - anqas ħela ta' ħin;
  - Tkun tista' tivvjaġġa anke meta l-baħar ikun imqalleb.
- X'inhuma l-iżvantaġġi ta' mina bejn Malta u Għawdex?
  - Se tiġi tiswa wisq flus.
  - Hemm bosta perikli għall-ġeoloġija l-iktar ta' taħt il-baħar.
  - Se tispiċċa l-identità ta' Għawdex.
  - Il-propjetà f'Għawdex x'aktarx togħla fil-prezz.
  - Ma tibqax id-differenza bejn Malta u Għawdex.
  - Is-servizz tal-vapur t'Għawdex jista' jieħu daqqa ta' ħarta.
- Kemm taħseb li-poplu Malti u Għawdxi hu favur dan il-proġett?
  - Iż-żgħażagħ Għawdxin jidhru li huma favurih kemm minħabba l-istudju kif ukoll għad-divertiment;
  - L-Għawdxin li jiġu jaħdmu Malta b'mod ġenerali huma favur dan il-proġett.
  - l-Għawdxin anzjani jidhru inqas favurih.
  - Fost il-Maltin jidher li hemm iktar min hu favurih milli kontrih minħabba l-vaganzi.
  - Hemm oħrajn li togħġobhom l-idea li jivvjaġġaw bil-baħar minħabba l-veduti sbieħ.
- Għaliex taħseb li dan il-proġett irid numru konsiderevoli ta' snin biex jitlesta?
  - Hemm bżonn li jsiru ħafna studji dwar aspetti differenti eż. l-impatt fuq l-ambjent, kif se jsir it-tħaffir, fejn se narmu l-materjal, il-finanzjament.
- Taħseb li s-servizz tal-vapur jibqa' bżonnu jekk issir din il-mina?
- Taħseb li għandu jkun hemm ħlas biex tintuża din il-mina? Għaliex?
- Taħseb li jista' jkun hemm xi sogru li nivvjaġġaw lejn Għawdex permezz tal-mina? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- Taħseb li kieku inti tużaha din il-mina jew tippreferi li tibqa' tivvjaġġa bil-vapur?

2. **L-isports f'Malta: kemm miexi 'l quddiem?**

- X'vantaġġi ġenerali taħseb li joffri l-isports?
- Hemm min jgħid li Malta ma tista' qatt tikkompeti fil-qasam tal-isports għax aħna pajjiż żgħir. Taqbel?
  - Iva għax il-popolazzjoni żgħira ħdejn pajjiżi oħra u b'hekk m'hemmx minn fejn tagħżel.
  - Le għax nafu b'pajjiżi bħall-Iżlanda, bħal Ċipru u l-Gżejjer Faroe li għandhom popolazzjoni inqas jew ftit aktar minn tagħna u mxew 'il quddiem.
- X'taħseb li hija r-raġuni li pajjiżi żgħar imxew 'il quddiem u aħna bqajna lura?
  - Il-gvernijiet ta' dawn il-pajjiżi investaw ħafna flus fl-isports.
  - Għandhom opportunitajiet biex imorru jipprattikaw l-isports barra l-pajjiż.
  - Għandhom skemi ta' professjonaliżmu li Malta m'għandniex.
- X'taħseb li hija l-ikbar problema li ma tħallix l-isports jimxi 'l quddiem f'pajjiżna?
  - in-nuqqas ta' skema ta' professjonaliżmu;
  - in-nuqqas ta' inċentivi biex wieħed jipprattika l-isports barra minn Malta;

  - l-istudju, ix-xogħol jew il-karriera tal-individwu...
  - in-nuqqas ta' mħabba inġenerali fost il-Maltin għall-isports.
- Taħseb li l-istudju jista' jtellef lill-isports? Għaliex?
- Liema sport taħseb li l-Maltin imorru l-aħjar fih?
  - ir-rugby;
  - is-snooker;
  - il-waterpolo;
  - l-isparar;
  - il-bowling.
- Liema sport taħseb li l-Maltin imorru l-aktar ħażin fih? X'taħseb li hi r-raġuni għal dan?
- Taħseb li hemm tħejjija biżżejjed fost it-tfal Maltin għall-futur?
  - l-iskola tal-isports;
  - in-nurseries tal-klabbs tal-futbol.
- X'taħseb mill-korruzzjoni fl-isports? Għaliex?
- X'jidhirlek mil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar? Nistgħu nikkompetu ma' pajjiżi tamparna?

3. **Post il-Kunsilli Lokali**

- Taħseb li għad hemm bżonnhom il-Kunsilli Lokali f'Malta? Għaliex?
- Tista' ssemmi xi xogħlijiet li twettqu mill-Kunsilli Lokali fil-lokalità tiegħek jew f'lokalitajiet oħrajn?
  - tindif ta' toroq, immaniġġjar tal-iskart, iktar dixxiplina fil-lokalità, rikonoxximent lejn nies li ħadmu fil-lokalità, manutenzjoni ta' toroq, taħditiet u korsijiet edukattivi, attivitajiet kulturali, sponsorjar ta' proġetti lokali, kunċerti, kxif ta' monumenti li jfakkru persuni jew ġrajjiet fil-lokalità, restawr ta' bini storiku bħal kappelli u niċeċ...
- Hemm xi xogħlijiet li jistgħu jsiru mill-Kunsilli Lokali minflok il-Gvern Ċentrali?
  - responsabiltà iktar fejn tidħol indafa u manutenzjoni tal-post,
  - iktar sehem fid-deċiżjonijiet rigward il-manutenzjoni tat-toroq,
  - jingħataw il-possibiltà li joħolqu sistema ta' mmaniġġjar tal-iskart addattata għal-lokalità,
  - it-tixrid tal-kultura fil-lokalità...
- Taħseb li l-finanzjament tal-Gvern ċentrali lill-Kunsilli Lokali hu biżżejjed?
  - Iva għax ma jistgħux jagħmlu xogħlijiet kbar.
  - Le għax fil-fatt xi xogħlijiet li jixtiequ jwettqu ma jistgħux jagħmluhom għax m'hemmx finanzi biżżejjed.
- Taħseb li l-membri kollha tal-Kunsill għandhom jitħallsu? Għaliex?
- X'tippreferi Kunsill Lokali bis-sehem tal-partiti politiċi jew totalment indipendenti? Għaliex?
  - Il-partiti politiċi jistgħu jkunu ta' inċentiv biex wieħed jikkontesta jew ta' firda bejn il-kunsillieri għax flok jaħdmu għal-lokalità jaħdmu għall-partit.
  - Hemm min jgħid li wieħed qatt ma jista' jkun indipendenti għax Malta żgħira u kulħadd jaf lil xulxin.
  - Hemm min jgħid li b'kandidati indipendenti titnaqqas il-firda.
- X'taħseb dwar il-vot minn sittax-il sena 'l fuq?
- Taħseb li l-Kunsilli Lokali għad jispiċċaw jew se jibqgħu? Għaliex?
- X'taħseb li l-Kunsill Lokali tal-lokalità tiegħek jista' jagħmel aħjar? Xi proġetti taħseb li jistgħu jsiru?

4. **Ir-rispett tal-Maltin lejn in-natura**

- X'tifhem bil-kelma natura?
- Taħseb li l-Maltin b'mod ġenerali jħobbu n-natura? Kif taf?
- Tista' tagħti eżempji li juru li hawn bosta li jimpurtahom min-natura?
  - Hawn ħafna li jħobbu jżejnu d-dar u l-ġnien bil-pjanti.
  - Hemm min iħobb jagħmel mixjiet fil-kampanja.
  - Jeżistu gruppi li jiddefendu d-drittijiet tal-annimali.
  - Hemm min jieħu ħsieb annimali li jkunu fit-toroq.
- Tista' tagħti eżempji li juru li mhux kulħadd iħobb in-natura?
  - Hemm nies li jaħqru l-annimali, jitilquhom barra t-triq jew jaqfluhom f'gaġeġ.
  - Hemm min irabbi annimali eżotiċi għan-negozju.
  - Xi wħud iwettqu atti ta' vandaliżmu fuq siġar f'ġonna jew parks pubbliċi.
  - Xi drabi ma naħsbuhiex darbtejn biex nieħdu meded ta' art biex nibnu fuqhom.
- X'jidhirlek mill-kura tas-siġar u l-pjanti f'pajjiżna?
  - Hemm diversi ġonna pubbliċi kkurati tajjeb.
  - Diversi fjuri jitħawlu f'roundebouts u central strips skont l-istaġun.
  - Xi drabi jinħarqu jew jitqaċċtu s-siġar b'vandaliżmu.
  - Xi drabi jinqalgħu siġar biex nibnu toroq ġodda jew inwessgħu xi toroq.
- X'jista' jkun sehem l-iskejjel biex irawmu aktar imħabba lejn in-natura fost l-istudenti?
  - Il-kontribut tal-Ekoskola inissel kuxjenza fit-tfal lejn in-natura.
- X'taħseb dwar is-sehem ta' Organizzazzjonijiet favur in-natura f'pajjiżna?
  - Birdlife, Nature Trust, SPCA...
- Taf tgħidli xi ħaġa fuqhom?
- L-industrija tal-bini kemm taħseb li qed taffettwa n-natura?
  - Il-qerda ta' raba' saqwi;
  - il-qtugħ bl-addoċċ tas-siġar;
  - l-interessi finanzjarji qabel l-arja nadifa li nieħdu min-natura.
- Taf tgħidli xi ħaġa fuq xi siti naturali f'Malta: il-Buskett, is-sit Natura Elfejn, il-Park tal-Majjistral?
- Il-ħarsien tal-baħar: hemm min jieħu inizjattiva li jnaddaf ix-xtajtiet u qiegħ il-baħar; hemm oħrajn li jarmu plastik u fliexken fil-baħar jew iħallu x-xtajtiet maħmuġin. X'taħseb dwar dan?
- Taħseb li l-mentalità tal-Maltin li jnaddfu darhom u jħammġu barra (fosthom bir-rimi ta' skart fil-kampanja u fil-widien) għadha teżisti?

5. **Il-problema tal-illitteriżmu f'pajjiżna**

- X'tifhem b'illitteriżmu?
- Xi żmien ilu l-Papa Franġisku qal li l-illitteriżmu u n-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni huma fil-fatt forom ta' faqar u inġustizzja. Taqbel ma' dan il-kumment? Għaliex?
- X'taħseb li jwassal għall-illitteriżmu?
  - nuqqas ta' interess mill-ġenituri;
  - problemi fil-familja;
  - nuqqas ta' inkoraġġiment;
  - sistema edukattiva mhux effettiva biżżejjed;
  - Bosta jippreferu jitilqu mill-iskola biex jibdew jaħdmu ħalli jaqilgħu l-flus.
- Malta hija fost l-aktar pajjiżi fl-Ewropa b'livell għoli ta' illitteriżmu. X'taħseb li jista' jsir biex intejbu s-sitwazzjoni?

- Taħseb li l-iskola mhux dejjem teqred l-illitteriżmu? Jista' jkun li qed tilħaq dawk l-istudenti li għandhom abbiltajiet akkademiċi biss?
- Taħseb li tfal batuti jistgħu jibbenefikaw aktar jekk ikunu fi klassijiet għalihom jew ikun aktar ta' ġid għalihom jekk jitħalltu mal-oħrajn? Għaliex?
- Il-problemi soċjali kemm taħseb li jħallu effett fuq l-illitteriżmu?
- Taħseb li l-ambjent tal-familja jaffettwa l-illitteriżmu? Kif u għaliex?
  - familji bi dħul baxx;
  - familji numerużi;
  - inkwiet fil-familja;
  - familji f'ċerti nħawi ta' Malta...
- Taħseb li l-kompjuter u l-logħob elettroniku qed iwasslu għal aktar illitteriżmu jew qed jgħinu aktar lit-tfal jitgħallmu jaqraw u jiktbu?
- Kemm u kif taħseb li l-Gvern qed jgħin biex jonqos l-illitteriżmu?
  - l-edukazzjoni b'xejn;
  - it-trasport b'xejn;
  - is-servizz ta' LSAs;
  - l-istipendji...
- Taħseb li għad jasal żmien fejn l-illitteriżmu jinqered f'Malta? Xi jġiegħlek taħseb hekk?

AM22/ok2.19m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-proġett ta' mina bejn Malta u Għawdex**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-isports f'Malta: kemm miexi 'l quddiem?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Post il-Kunsilli Lokali**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Ir-rispett tal-Maltin lejn in-natura**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 5 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-problema tal-illitteriżmu f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **L-ikel li jħobbu jieklu l-Maltin**

- Xi tħobb tiekol l-aktar u għaliex?
- X'taħseb li jħobbu jieklu l-aktar iż-żgħażagħ?
- Taħseb li l-Maltin bħala poplu huma wikkiela? Kif taf?
- Taf issemmili xi ikel tradizzjonali Malti?
- Taħseb li b'mod ġenerali nieklu ikel sustanzjuż?
- Wieħed minn kull għaxar Maltin jimirdu bid-dijabete. X'taħseb li qed iwassal għal dan?
- Taħseb li l-Maltin ta' qabel kienu jieklu ikel aktar sustanzjuż minn dak li nieklu llum? Għaliex?
- It-tfal Maltin huma meqjusa fost l-iktar ħoxnin fl-Ewropa. Għaliex?
  - Il-ġenituri jagħtuhom ħafna ħelu u ħafna ikel li jħaxxen.
  - Mhumiex edukati biżżejjed dwar l-ikel sustanzjuż u l-ħtieġa ta' dieta tajba.
  - Il-ġenituri jċedulhom mill-ewwel meta ma jkunux iridu jieklu ikel sustanzjuż.
- Taħseb li l-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom sehem importanti fuq l-għażla ta' ikel li nieklu? Kif?
- Kif taħseb li l-iskejjel jistgħu jikkontribwixxu biex lit-tfal ngħallmuhom jieklu ikel tajjeb għal saħħithom?
- Għal xiex taħseb li ħafna jispiċċaw jieklu dak li jissejjaħ fast food jew junk food?
  - kawża tal-ħajja mgħaġġla;
  - irħas;
  - xi drabi itjeb fil-palat...
- Taħseb li dan it-tip ta' ikel għandu jkun intaxxat? Għaliex?
- X'taħseb mid-dieta Mediterranja li fiha ħafna frott, ħxejjex u żebbuġ? Ġieli segwejt xi dieta partikolari?
- X'taħseb li għandu jsir biex tikber il-kuxjenza favur ikel bnin u sustanzjuż?
  - iktar tagħlim fl-iskejjel;
  - iktar kampanji u programmi edukattivi fuq il-mezzi tax-xandir.

2. **Il-faqar f'pajjiżna**

- Xi jfisser faqar għalik? Taħseb li min ma jistax jixtri karozza lussuża li dejjem xtaq huwa fqir? Għaliex?
- Malta hi meqjusa bħala pajjiż li fih m'hemmx faqar kbir. Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex?
- Skont il-Caritas il-firda bejn is-sinjur u l-fqir f'Malta qed tiżdied. Taqbel ma' din l-istqarrija? F'liema sens?
  - pagi baxxi;
  - pensjoni miżera;
  - persuni li m'għandhomx post adegwat fejn joqogħdu;
  - nies li ma jistgħux jieħdu vaganza f'Malta jew barra minn Malta;
  - xi wħud li ma jaslux biex jagħmlu xirja ta' ikel sustanzjuż...
- Taħseb li l-foqra f'pajjiżna jsibu għajnuna biżżejjed mill-Istat?
  - pensjonijiet;
  - benefiċċji għat-tfal;
  - mediċini b'xejn;
  - għajnuniet lir-romol, lill-persuni b'diżabilità, lill-familji b'ġenitur wieħed;
  - akkomodazzjoni soċjali...
- Taħseb li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja li tingħata hija biżżejjed għall-persuni li għandhom dħul baxx jew paga medja?

- X'taħseb li jista' jsir aktar biex ngħinu lill-foqra f'pajjiżna?
- Taqbel mal-kampanji ta' ġbir ta' flus għall-foqra? Għaliex?
- Taħseb li dawn il-kampanji weħidhom se jsolvu l-problema? Għaliex?
- Taħseb li xi wħud min-nies iġibu l-faqar b'idejhom stess? Kif?
  - problema ta' għażż;
  - problemi soċjali bħal vjolenza domestika u droga;
  - problemi fiżiċi...
- Taħseb li l-ħajja qed togħla b'ritmu mgħaġġel wisq? X'taħseb li qed jikkawża dan?
- Taħseb li l-Knisja qed tagħti sehemha biex jitnaqqas il-faqar f'pajjiżna? Kif?
  - djar bħal Dar Nazareth, id-Dar Osanna Pia;
  - Fondazzjoni Suret il-Bniedem;
  - il-Caritas;
  - ikliet għall-foqra;
  - ġbir ta' flus għad-djar immexxijin mill-Knisja...
- Taħseb li l-edukazzjoni tnaqqas il-qasma bejn is-sinjur u l-fqir?
- Taħseb li jeżistu tipi oħra ta' faqar minbarra l-faqar materjali? Taf issemmi xi wħud?

3. **It-tip ta' turisti li jiġu Malta**

- Skont l-istatistiċi l-għadd ta' turisti li jiġu Malta qed jiżdied minn sena għal oħra. Għaliex taħseb li qed jiġri hekk?
  - klima ideali;
  - l-istabilità fil-pajjiż;
  - iż-żieda tal-cruise liners lejn Malta;
  - il-poplu Malti - dħuli u akkoljenti;
  - l-istorja rikka ta' pajjiżna;
  - Il-festi u t-tradizzjonijiet;
- Taħseb li l-avveniment tal-Valletta 18 għen biex it-turiżmu jiżdied f'pajjiżna? Kif?
- Taħseb li xi kunċerti bħall-Isle of MTV u ta' Joseph Calleja jgħinu biex jiġu aktar turisti f'Malta? Għaliex?
- Taħseb li t-turisti jżuru pajjiżna għall-baħar biss? Għaliex?
- Xi kwalità ta' turisti taħseb li qed jiġu Malta?
  - anzjani biex jiffrankaw il-kesħa f'pajjiżhom;
  - studenti li jiġu jistudjaw l-Ingliż;
  - turisti ta' ftit sigħat li jiġu bil-Cruise Liners;
  - turisti partikolari bħal għaddasa, biex jipparteċipaw f'xi sport partikolari...
- Taħseb li l-lukandi huma attrezzati biżżejjed biex jilqgħu t-turisti?
  - Ħafna lukandi huma ta' livell għoli.
  - Hemm bżonn jiżdiedu dawk il-lukandi li joffru akkomodazzjoni lil turisti sinjuri bħal boutique Hotels.
- Taħseb li l-yacht Marinas qed jikkontribwixxu fil-qasam tat-turiżmu? Kif u għaliex?
  - jattiraw ħafna turisti ta' livell għoli l-iktar dawk ta' Ta' Xbiex, tal-Imsida u tal-Cottonera.
- Taħseb li l-poplu Malti għadu akkoljenti mat-turisti jew qed jara dejjem iżjed kif jista' jisloħħom mill-aħjar li jista'?
- X'taħseb li jista' jgerrex lit-turisti milli jiġu Malta?
  - in-nuqqas ta' ndafa pubblika;
  - it-traffiku esaġerat;
  - l-industrija tal-bini li qed tħassar postijiet li normalment huma żoni turistiċi;
  - in-nuqqas ta' ħarsien tal-ambjent;

- xi problemi jew inkwiet f'pajjiżi ġirien...
- Taħseb li f'Malta lħaqna l-quċċata tat-turiżmu? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- X'taħseb li huwa l-akbar benefiċċju li jħalli t-turiżmu fuq pajjiżna?
- Taħseb li t-turiżmu jista' jkollu effetti negattivi fuq pajjiżna? Kif?

4. **L-edukaturi f'pajjiżna**

- X'tifhem b'edukaturi?
- Taħseb li hemm tipi differenti ta' edukaturi? Tista' ssemmi xi wħud minnhom?
  - għalliema fl-iskejjel;
  - membri tas-soċjetà tal-Mużew;
  - katekisti;
  - coaches tal-isport;
  - għalliema tal-mużika u tal-arti...
- Xi kwalitajiet taħseb li jrid ikollhom l-edukaturi? Għaliex?
- Taħseb li l-edukaturi għad għandhom influwenza kbira fuq l-istudenti tagħhom? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- Taħseb li edukaturi għandhom aktar responsabbiltà minn xogħlijiet/professjonijiet oħrajn? Għaliex?
- Taħseb li l-edukaturi tat-tfal iż-żgħar u taż-żgħażagħ għandu jkolhom l-istess kwalitajiet? Għaliex?
- Taħseb li l-edukaturi f'pajjiżna huma kwalifikati biżżejjed? Għaliex taħseb hekk?
- Taħseb li l-għalliema għandhom kundizzjonijiet tajba għax-xogħol li jagħmlu? Xi jġiegħlek taħseb hekk?
- Hawn edukaturi li jagħmlu dan ix-xogħol b'mod volontarju. X'taħseb dwar dawn?
- Kull tant żmien nisimgħu li xi edukaturi ġew aggrediti saħansitra fl-iskola li jgħallmu fiha. Taqbel ma' dan l-aġir? Għaliex?
- Għaliex taħseb li sseħħ din l-aggressjoni kontra xi edukaturi?
- Minn min taħseb l-aktar li ssir l-aktar din l-aggressjoni?
- Qegħdin nisimgħu li hemm il-ħsieb li jibda jkun hemm aktar sigurtà fl-iskejjel biex tonqos il-vjolenza kontra l-għalliema. Taqbel ma' dan? Għaliex?
- X'taħseb li jista' jsir biex jonqos dan l-abbuż?
- Titħajjar issir edukatur/a? Għaliex?

5. **Il-festi u l-btajjel pubbliċi f'Malta**

- Taħseb li l-Maltin iħobbu jiċċelebraw? Kif taf?
- X'differenza taħseb li teżisti bejn il-festi nazzjonali u l-festi pubbliċi?
- Taf issemmi xi festi pubbliċi? X'niċċelebraw fihom?
- Taf issemmi xi festi nazzjonali? Taf xi nfakkru fihom?
- Ta' spiss nisimgħu li pajjiżna għandu wisq festi u btajjel pubbliċi. Taħseb li veru? Għaliex?
- Taħseb li wasal iż-żmien li nnaqqsu dawn il-festi u l-btajjel pubbliċi? Għaliex?
- Taqbel li meta l-festi u l-btajjel pubbliċi jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa għandha tingħata ġurnata oħra minflokhom? Għaliex?
- Taħseb li kulħadd huwa tal-istess opinjoni dwar dan? Għaliex?
- Taħseb li l-festi li niċċelebraw biex infakkru l-qaddisin tilfu s-sinifikat proprju tagħhom? Għaliex?
- Tista' ssemmi xi affarijiet li ta' spiss itappnu dawn il-festi?
  - ġlied u insulti bejn il-partitarji ta' każini differenti;
  - xorb żejjed;

  - aktar enfasi fuq iċ-ċelebrazzjonijiet esterni milli fuq l-aspett reliġjuż;
  - piki esaġerati...
- Taħseb li l-użu tal-logħob tan-nar f'dawn il-festi għandu jinqata'? Għaliex?
- Semmi xi raġunijiet l-għaliex għandna nibqgħu niċċelebraw dawn il-festi.
  - Biex nagħtu ġieħ lill-qaddis protettur tar-raħal.
  - Għax huma parti mit-tradizzjonijiet tagħna.
- X'festa tiċċelebraw fir-raħal/belt tagħkom? Tista' tgħidli xi ħaġa dwarha?
- Kif taħseb li t-turisti jħarsu lejn dawn il-festi?
- Ġieli rajt xi festi f'xi pajjiż li kont imsiefer fih? Innotajt xi differenzi fil-mod kif jiċċelebrawhom minn kif niċċelebraw aħna l-Maltin?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-ikel li jħobbu jieklu l-Maltin**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-faqar f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**It-tip ta' turisti li jiġu Malta**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM22/ok3.19m

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-edukaturi f'pajjiżna**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 8 ta' April 2019 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-festi u l-btajjel pubbliċi f'Malta**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 7 ta' Mejju 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Ix-xiri bħala bżonn u bħala kapriċċ.
2. Il-ġid tad-dinja jinsab għand il-ftit.
3. Hemm bżonn tikkommetti ruħek għal ħajtek?
4. L-importanza tal-mużika f'ħajti.
5. L-isport internazzjonali jista' jirnexxi mingħajr il-mezzi ta' komunikazzjoni?

**(Total: 15-il marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: TAQSIRA

**Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:**

### Il-Professjoni u l-Professjonaliżmu

Matul dawn l-aħħar snin il-kelma "professjoni" ma baqgħetx tirreferi biss għat-tobba, l-avukati u s-saċerdoti. Illum insibu diversi kategoriji oħra ta' nies li jqisu x-xogħol tagħhom bħala wieħed professjonali. Kull min għandu taħriġ speċjalizzat f'xi xogħol partikolari u ċertifikat x'juri li huwa kapaċi fix-xogħol tiegħu qed isejjaħ lilu nnifsu professjonali. Għalhekk fi żmienna għandna bankiera, atleti, mużiċisti, ħajjata, awdituri, kantanti, għalliema, dawk li jsewwu l-karozzi u inġiniera li s-soċjetà kollha tqishom professjonali.

Hemm raġuni valida għaliex l-idea tal-professjoni ġiet estiża mit-tliet gruppi klassiċi għal kategoriji oħra ta' xogħol. Is-soċjetà industrijali u teknoloġika li qed ngħixu fiha llum hija bbażata fuq l-idea ta' taqsim tax-xogħol. Biex jiġi mgħaġġel il-progress industrijali u teknoloġiku nħasset il-ħtieġa li s-soċjetà tiġi organizzata fi gruppi ta' nies b'taħriġ speċjalizzat f'xogħol partikulari. L-esiġenzi ġodda li ġabet magħha s-soċjetà tal-lum ħolqot diversi gruppi ta' nies b'xogħol speċjalizzat.

Diversi kittieba llum qed jiddistingwu professjoni minn professjonaliżmu. Mhux kull min għandu xogħol professjonali huwa fil-fatt professjonist skont it-tifsira tradizzjonali tal-kelma. Il-kelma "professjonaliżmu" tiġbor fiha diversi kategoriji ta' xogħol speċjalizzat li jinħtieġ kapaċità u taħriġ speċjalizzat minn dawk li jagħmluh. Iżda mal-kelma "professjoni" hemm implikati diversi karatteristiċi li ma japplikawx għal dawk il-kategoriji diversi ta' xogħol professjonalizzat. Hemm diversi karatteristiċi partikolari li jiddistingwu l-professjoni mill-professjonaliżmu. In-natura tax-xogħol ta' tabiba u ta' inġiniera tajba, li s-soċjetà tal-lum tqishom it-tnejn bħala professjonali fix-xogħol tagħhom, hija għalkollox differenti minn ta' xulxin. X'inhu li jagħmel ix-xogħol ta' tabib differenti minn dak ta' bankier jew atleta biex għal tal-ewwel tapplika l-kelma "professjoni", filwaqt li għat-tnejn l-oħra tapplika l-kelma "professjonaliżmu"?

Il-professjoni medika mhijiex sempliċiment karriera imma qabel kollox hi vokazzjoni. Min-naħa l-oħra meta tabib ipoġġi l-interessi tiegħu qabel il-ġid tal-marid, il-professjoni tiegħu ssir karriera. Tabib li jagħmel hekk ma jkunx qed jiddedika ħajtu għas-servizz u l-interess tal-marid.

*(Addattata minn "Mit-Tnissil sal-Mewt tal-Bniedem" ta' Rev. Dr. Manwel Agius)*

**(Total: 5 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. 'Il-lingwa hija fenomenu tal-għaġeb li minnha nnifisha għandha biżżejjed mekkaniżmi li permezz tagħhom issawwar, tibni u tifforma strutturi bażiċi ta' formazzjonijiet lessikali li għandhom tifsira." F'dan il-kuntest tkellem dwar kif jaħdem il-Malti u agħti eżempji ta' kif l-għeruq, l-aktar ta' nisel Għarbi, u z-zkuk ta' nisel Rumanz u Ingliż isawru kliem ġdid.

2. It-Trasferiment metaforiku u metonimiku huma parti integrali mill-proċess tal-bdil fit-tifsir tal-kliem. Ikkummenta b'eżempji xierqa mill-Ilsien Malti.

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2019 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Il-poeta sikwit jesprimi ruħu bħala xi ħadd li jinsab xi mkien. Hekk jinbena l-ambjent li fih l-awtur isib lilu nnifsu. Iddiskuti din it-tema fid-dawl tal-poeżiji Romantiċi u Moderni f'pajsaġġi differenti.
2. Il-poeżiji ta' mħabba f'*Il-Poeżija Maltija* sikwit jesprimu s-sentimenti tal-poeta b'rabta ma' ġrajjiet partikulari. Ikkummenta fuq il-lingwaġġ figurattiv u t-ton f'dawn il-poeżiji.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Fil-poeżiji tagħha f'*Monografija*, Maria Grech Ganado titkellem dwar il-wirt ambjentali tagħna bħala bnedmin u bħala Maltin. Iddiskuti.
2. F'Maria Grech Ganado jinħass li għalkemm kull persuna tfittex li tibni relazzjonijiet ma' bnedmin oħra, fl-aħħar mill-aħħar, kull persuna tinsab waħedha. Taqbel ma' din l-interpretazzjoni tax-xogħol ta' Grech Ganado f'*Monografija*?
3. Fil-poeżija tiegħu f'*Monografija*, Pawlu Aquilina jikteb ta' spiss fuq l-ambjent li għex fih u fuq Malta b'mod ġenerali. Ikteb dwar il-lingwaġġ figurattiv li jinqeda bih l-aktar.
4. Fi wħud mill-poeżiji f'*Monografija*, Pawlu Aquilina jikteb dwar it-tmiem tal-ħajja permezz ta' għadd ta' xbihat. Ikkummenta dwar dan.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Arloġġi**

Sebaħ jum ieħor
imtebba' bl-għasel
u d-dbabar tad-deheb.

Minn borża ssiġillata bl-istilel,
noħorġu l-arloġġ tal-lum
ħa ntuh il-kamin
mal-kant tal-ewwel gawwi

medhi jtaptap
it-tokki fuq it-tarmak,
u jgħarrex għal xi biċċa
mill-arloġġ tal-bieraħ;

biċċa
mimlija stejjer fis-sakra,
jitbandlu bħal pendlu
bejn xatt il-ħolm
u xatt il-ħajja.

Clifton Azzopardi

*(mill-ktieb Bejn Spazju u Ieħor, 2018)*

**JEW**

2.

**Ħallih sieket illejla**

Ħallih sieket illejla l-istereo
tixegħlux malli tidħol mill-bieb
ibqa' dieħla bħas-soltu f'kamarti
fejn tintefa' f'idejja bla ħsieb.

Ħallih sieket il-qamar illejla
m'għandux moħħ argumenti mtawlin
irid biss ixomm l-arja mittiefsa
mit-tnehid tal-erwieħ mitlufin.

Ħallih sieket il-baħar illejla
irid jorqod jitbandal fis-sliem
arah jongħos jinnamra mar-ramel
arah waħdu jinħabb mingħajr kliem.

Irrid biss nisma' 'l sidrek jitniffes
mal-mewġiet tal-imbatt ta' riġlejk
mat-tfesfis ta' subgħajk il-fittiexa
irrid biss nisma' l-lejl, mimdud, ħdejk.

Karl Schembri

*(mill-ktieb Passju taħt ix-Xita, 2013)*

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2019**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 11 ta' Mejju 2019 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: ID-DRAMA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Aktar milli fuq l-azzjoni, *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant huwa mibni fuq l-argumenti. Id-dramm ilaqqa' ideat differenti flimkien u b'dan il-mod jasal għall-għeluq tiegħu. Iddiskuti dan l-aspett b'rabta mat-test.

2. Agħżel persunaġġ minn *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant u fisser għaliex l-iżvilupp li jseħħ fih jagħmlu karattru ewlieni tad-dramm.

3. *Menz* ta' Francis Ebejer jippreżenta persunaġġi li l-individwalità tagħhom toħroġ mill-kunflitt li għandhom mal-oħrajn. Iddiskuti.

4. *Menz* ta' Francis Ebejer hu dramm li juri l-kuntrast fi ħdan il-kuxjenza tal-istess persuna. Menz huwa timidu waqt li huwa wkoll ribell. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Iddiskuti l-prinċipji u l-valuri ewlenin li Lino Spiteri jagħtihom importanza f'*Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* u kif jinqeda bir-rakkonti biex jagħti eżempji realistiċi tagħhom.

2. *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* ta' Lino Spiteri huwa mibni fuq għadd ta' karattri li fosthom hemm uħud li huma iktar importanti mill-oħrajn. Ikteb dwar karattru li jidhirlek li għandu funzjoni importanti fil-ktieb għax bil-mod kif jinbena mill-awtur iwassal il-preokkupazzjonijiet ewlenin tal-ġabra kollha.

3. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, Ġużè Ellul Mercer jippreżenta karattru li jinsab għaddej minn kriżi ta' identità. Iddiskuti b'referenza għall-ideat u l-azzjonijiet tal-karattru.

4. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer juri kemm hija importanti l-edukazzjoni, imma fl-istess ħin jorbotha mal-ġenn. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

Silta 1.

Il-kumpanija nħobbha ħafna ... anzi naħseb iżżejjed! Imma naħseb li normali. Kien hemm żmien li kważi spiċċajt bla ħbieb għax sewwa jgħidu, li l-ħbieb veri huma skarsi aktar mid-deheb. Għamilt żmien ma ridt nara lil ħadd. Xahar sħiħ. Kważi kont sirt eremita. Tant inkwetajt 'il-ġenituri li ħaduni għand psikjatra.

Insomma ma domtx wisq bla ħbieb. Bħalissa għandi erba' ħbieb veru bomba, tgħaddi siegħa buzz magħhom u bil-għaqal u t-tfajla tiegħi taċċettahom għax kieku ma għandix ċans nibqa' magħhom! Qabel kont għarus lilha ġieli kelli ħbieb daħna, li jiġi għal idejhom jagħmluh, iħawdu aktar minn ma nafx xiex, u llum nirringrazzja 'l Alla li kienu warrbuni. Illum wieħed minnhom qiegħed taħt it-trab, infaqa' bl-ismack u l-ieħor qiegħed f'qiegħ ta' ċella. Dabbar ħames snin. L-ewwel wieħed kien kwiet, qerduh, u l-ieħor kien il-bully u l-moħħ ta' kollox. Jiena ħlistha b'ċikka. Kieku l-Bambin biss jaf x'sar minni!

Tlift aktar minn tfajla waħda minħabba l-ħbieb għax aktar kont imwaħħal magħhom u lilha traskurajtha u tajtha bis-sieq. Għax jien baħnan. Emmint id-diska stunata ta' sħabi: "Tfajla tiha bis-sieq u tħobbok aktar." Jien hekk għamilt u hi ma tantx damet wisq li tatni waħda u sewwa. Mur emmen u agħti kas ċerti ħbieb! Dawk pariri, veru jqegħduk għall-frisk! Mur ġibha lura.

Joseph Falzon
*(Minn Vażett Dmugħ u Rakkonti Oħra)*

**JEW**

Silta 2.

Toni Bajjada kien min-Naxxar, kien ġuvni mibrum b'saffejn. Twil u fuq tiegħu, ħafif daqs it-tajr, bniedem li meta jdaħħal ħaġa f'rasu ħadd ma jdawru iżjed. Wiċċu samrani, ħuġbejh mimlija, xagħru iswed tuta, għajnejh donnhom jitkellmu. Demmu kien tħossu jiġbdek, qalbu f'idejh, ħelu ma' kulħadd; il-kelma qerq lanqas jaf biha.

Missieru kien bidwi u ma kienx jagħmilha ħażin; ommu mara tal-knisja, li kienet rabbietu dejjem fil-biża' t'Alla.

Tifel waħdu, Toni Bajjada kien seta' joqgħod madwar missieru, u ma jaħseb xejn f'xogħol ieħor. Iżda, saħansitra minn ċkunitu, kellu żewġ ħsibijiet imsammrin f'moħħu: l-imħabba t'Alla u tal-Art li twieled fiha. Ma kienx jara s-siegħa li jikber biex jibda jaħdem għal Malta tiegħu.

Malli għalaq it-tmintax-il sena, mar sab lil missieru, u qallu bid-daħka f'fommu: "Missier, ħsibt u rajt li nidħol baħri fuq ix-xwieni ta' San Ġwann!"

"Kif ibni?" wieġbu missieru. "Ma għandix ħliefek fid-dinja, trid issiefer u tħallini? ... X'jonqsok hawn? ... M'intix għaddej ġmielek, tagħmel xi ħaġa madwari, f'dawk l-erba' għelieqi tagħna?"

"Mela jien sejjer ninsiekom! Ix-xwieni mhumiex ġejjin u sejrin ta' kuljum! Malli mmissu Malta, l-ewwel ħsieb tiegħi jkun li niġi nara lilek u 'l ommi."

"Imma dan il-għaliex? ... Ibni, inti taf li jiena sieqi nieżla għall-ħofra. Xi jkun minn ommok, jekk jien niġi nieqes u inti tkun imbiegħed minnha? ..."

"Missier, ħallik minn dawn il-ħsibijiet koroh. Qabel ma tmut, irridek tarani wieħed mill-aħjar baħrin tax-xwieni!"

Ġużè Muscat Azzopardi
*(Minn Toni Bajjada)*

**(Total: 10 marki)**